Nru./No. 21,241
Prezz/Price
€19.44

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 10 ta' Mejju, 2024
Friday, 10th May, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Avviżi tal-Gvern ..... 5593 - 6020
Notices ..... *5593 - 6020*

ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW (KAP. 467)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) u skont is-subartikolu (6) tal-artikolu 59 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet ta' l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li ser jattendu biex jissorveljaw il-votazzjoni f'kull kamra ta' votazzjoni speċifikata fl-Iskeda għall-finijiet tal-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Lista ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali sostituti hija wkoll ippubblikata fl-Iskeda.

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) u skont is-subartikolu (3) tal-artikolu 87 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż lista bl-ismijiet tal-persuni maħturin biex jgħoddu, jissorveljaw u jikkalkolaw waqt l-għadd tal-voti fis-Sala għall-Għadd tal-Voti, In-Naxxar għall-finijiet tal-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Qiegħda tiġi wkoll hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż, lista bl-ismijiet tal-persuni maħtura bħala Uffiċjali tal-Post tal-Votazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew (Kap. 467) u skont l-artikolu 56 (2) tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali (Kap. 354).

Lista alfabetika tal-persuni kollha maħtura fid-diversi karigi hija wkoll ippubblikata fl-Iskeda.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-10 ta' Mejju, 2024

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in accordance with subarticle (6) of article 59 of the General Elections Act (Cap. 354), there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners who will be in attendance to supervise the poll at each polling booth specified in the Schedule for the purposes of the forthcoming poll for the European Parliament Elections.

A list of substitute Assistant Electoral Commissioners is also published in the Schedule.

In accordance with the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467), and in accordance with subarticle (3) of article 87 of the General Elections Act (Cap. 354), there is hereby published as a Schedule to this notice a list containing the names of the persons appointed as counters, supervisors and calculators during the counting of votes at the Counting Hall, In-Naxxar for the purposes of the forthcoming poll in the the European Parliament Elections.

There is hereby published as a Schedule to this notice, a list containing the names of the persons appointed as Polling Place Officers in accordance with the provisions of subarticle (1) of article 21 of the European Parliament Elections Act (Cap. 467) and in accordance with article 56 (2) of the General Elections Act (Cap. 354).

An alphabetical list of all appointed persons serving in different duties is also published in the Schedule.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

10th May, 2024

ATT DWAR GVERN LOKALI
(KAP. 363)

Avviż

Skont id-dispożizzjonijet tas-subartikolu (6) tar-regolament 29 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata, bħala Skeda ma' dan l-avviż, lista bl-ismijiet tal-Assistenti Kummissjonarji Elettorali li jkunu preżenti biex jissorveljaw il-votazzjoni f'kull kamra ta' votazzjoni speċifikata fl-Iskeda.

Lista ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali sostituti hija wkoll ippubblikata fl-Iskeda.

Skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) tar-regolament 55 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363), qiegħda tiġi hawnhekk ippubblikata, bħala Skeda ma' dan l-avviż, lista bl-ismijiet tal-persuni maħturin biex jgħoddu, jissorveljaw u jikkalkolaw waqt l-għadd tal-voti fis-Sala għall-Għadd tal-Voti, In-Naxxar għall-finijiet tal-Votazzjoni fl-Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali.

Qiegħda tiġi wkoll hawnhekk ippubblikata bħala Skeda li tinsab ma' dan l-avviż, lista bl-ismijiet tal-persuni maħtura bħala Uffiċjali tal-Post tal-Votazzjoni skont is-subartikolu (2) tar-regolament 26 tat-Tielet Skeda tal-Att dwar Gvern Lokali (Kap. 363).

Lista alfabetika tal-persuni kollha maħtura fid-diversi karigi hija wkoll ippubblikata fl-Iskeda.

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

L-10 ta' Mejju, 2024

LOCAL GOVERNMENT ACT
(CAP. 363)

Notice

In accordance with the provisions of subarticle (6) of regulation 29 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), there is hereby published, as a Schedule to this notice, a list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners who will be in attendance to supervise the poll at each polling booth specified in the Schedule.

A list of substitute Assistant Electoral Commissioners is also published in the Schedule.

In accordance with the provisions of subarticle (3) of regulation 55 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363), there is hereby published, as a Schedule to this notice, a list containing the names of the persons appointed as counters, supervisors and calculators during the counting of votes at the Counting Hall, In-Naxxar for the purposes of the forthcoming poll in the Local Councils Elections.

There is hereby published as a Schedule to this notice, a list containing the names of the persons appointed as Polling Place Officers in accordance with subarticle (2) of regulation 26 of the Third Schedule of the Local Government Act (Cap. 363).

An alphabetical list of all appointed persons serving in different duties is also published in the Schedule.

J. CAMILLERI
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Ex-Trade Fair Grounds,
In-Naxxar.

10th May, 2024

IN LINE WITH OUR PRIVATE POLICY THE LISTS MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAIN PERSONAL INFORMATION ARE NOT BEING DISPLAYED ONLINE

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT (CAP. 467)

LOCAL GOVERNMENT ACT (CAP. 363)

A list containing the names of the Assistant Electoral Commissioners

A list of substitute Assistant Electoral Commissioners

A list containing the names of the persons appointed as counters,

supervisors and calculators

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*